

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1103

tat-28 ta' Ġunju 2022

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddivżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, jenħtieġ li l-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), bis-saħħa tar-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta'dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-oġġetti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dak il-perjodu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi li mhijiex konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ġunju 2022.

Għall-Kummissjoni
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
għad-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni
Doganali

ANNEX

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Grixa tal-fażola tas-sojja mill-estrazzjoni b'solvent tal-fażola tas-sojja.</p> <p>Il-grixa tal-fażola tas-sojja hija magħmula mill-fażola tas-sojja li tiġi mqaxxa, imkissra, imsaħħna u magħmula fjokki qabel l-estrazzjoni taż-żejt bl-eżan. Imbagħad, il-fjokki jitnixxfu bi proċess ta' tneħħija tas-solventi u xiwi. Wara dan, il-fjokki jitnixxfu bl-arja sħuna biex titnaqqas l-umdiċa.</p> <p>Fl-aħħar stadju tal-ipproċessar, il-fjokki jintaħnu u l-qxur li jkunu tneħħew qabel jintefgħu mill-ġdid biex tinkiseb grixa bil-karatteristiċi analitiċi li ġejjin (bejn wieħed u ieħor skont il-piż):</p> <ul style="list-style-type: none"> — 47 % proteini; — 8 % ilma; — 5 % fibri; — 1,5 % xaħam. <p>Bix-xiwi jitneħħa s-solvent residwu u jitnaqqsu l-fatturi antinutrizzjonali, speċjalment l-attività tal-ureażi.</p> <p>Il-grixa tal-fażola tas-sojja hija ppreżentata għall-importazzjoni bl-ingrossa u tista' tintuża direttament bħala għalf tal-annimali mingħajr aktar ipproċessar.</p>	<p>2304 00 00</p>	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regola ġenerali nru 1 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċi NM 2304 00 00.</p> <p>It-tneħħija tas-solventi u x-xiwi kif ukoll l-istandardizzazzjoni tal-kontenut tal-fibri bit-tfiġh mill-ġdid tal-qxur taż-żrieragħ li jkunu tneħħew qabel, huma proċessi tekniċi normali fil-produzzjoni taż-żejt u tal-grixa tal-fażola tas-sojja. Għalhekk il-prodott iżomm il-karattru ta' residwu li jirriżulta mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja, użat bħala għalf tal-annimali (ara wkoll in-Nota ta' Spjegazzjoni Ġenerali tas-Sistema Armonizzata (NSSA) tal-ewwel paragrafu tal-Kapitolu 23 u n-Nota ta' Spjegazzjoni Ġenerali tas-Sistema Armonizzata tal-ewwel paragrafu tal-intestatura 2304).</p> <p>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2304 00 00 bħala residwi solidi oħra li jirriżultaw mill-estrazzjoni taż-żejt tal-fażola tas-sojja.</p>